// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 430 I

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

2 ta' Diċembru 2021

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2124 tat-2 ta' Diċembru 2021 li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja** ..... 1

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2125 tat-2 ta' Diċembru 2021 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja** ..... 16

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2124

**tat-2 ta’ Diċembru 2021**

**li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta’ Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 8a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta’ Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja.

(2) Fil-21 u t-22 ta’ Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew adotta l-konklużjonijiet fejn iddikjara li mhu ser jaċċetta l-ebda tentattiv minn pajjiżi terzi biex jistrumentalizzaw lill-migranti għal finijiet politiċi, ikkundanna kull attakk ibridu fil-fruntieri tal-Unjoni u afferma li ser jirreaġixxi kif xieraq. Huwa ssottolinja li l-Unjoni ser tkompli tiġġieled l-attakk ibridu li għaddej u li tnieda mir-reġim Belarussu, inkluż billi tadotta, b’mod urġenti, aktar miżuri restrittivi kontra persuni u entitajiet legali, f’konformità mal-approċċ gradwali tagħha.

(3) Fid-Deċiżjoni tiegħu (PESK) 2021/1990 ([2]) tal-15 ta’ Novembru 2021, il-Kunsill emenda l-kriterji ta’ deżinjazzjoni fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiegħu ([3]) biex tkun possibbli l-applikazzjoni ta’ miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jorganizzaw jew jikkontribwixxu għal attivitajiet mir-reġim ta’ Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni jew it-trasferiment ta’ oġġetti pprojbiti u t-trasferiment illegali ta’ oġġetti ristretti, inkluż oġġetti perikolużi, fit-territorju ta’ Stat Membru.

(4) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarussja, jenħtieġ li 17-il persuna u 11-il entità jinżiedu mal-lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1990 tal-15 ta’ Novembru 2021 li jemenda id-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU L 405, 16.11.2021, p. 10).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta’ Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VRTOVEC

*ANNESS*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) il-persuni fiżiċi li ġejjin jiżdiedu fit-tabella "A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 2(1)":

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| "167. | Ihar Anatolevich KRUCHKOU<br>Igor Anatolevich KRIUCHKOV | Ігар Анатольевіч КРУЧКОЎ<br>Игорь Анатольевич КРЮЧКОВ | Kap tas-Servizz Separat għal Miżuri Attivi (ASAM) tal-Forzi Speċjali tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri<br>Data tat-twelid: 13.4.1976<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3130476M077PB6 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tas-Servizz Separat għal Miżuri Attivi (ASAM) tal-Forzi Speċjali tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri, Ihar Kruchkou huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-forzi taħt il-kmand tiegħu, li huma involuti fit-trasportazzjoni fiżika tal-migranti ġewwa l-Belarussja lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni. L-ASAM titlob lill-migranti trasportati ħlas biex jaqsmu l-fruntiera. Dawk l-azzjonijiet huma implimentati bħala parti mill-operazzjoni "Gate".<br>Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 168. | Anatol Piatrovich LAPO<br>Anatoliy Petrovich LAPPO | Анатоль Пятровіч ЛАПО/ ЛАППО<br>Анатолий Петрович ЛАППО | Logutenent Ġeneral, President tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri tar-Repubblika tal-Belarussja (maħtur fid-29 ta' Diċembru 2016), Delegat Kap fil-Fruntieri tal-Istat<br>Data tat-twelid: 24.5.1963<br>Post tat-twelid: Kulakovka, Reġjun/Oblast ta' Mogilev, eks USSR (issa l-Belarussja)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Numru tal-passaport: MP4098888<br>ID personali: 3240563K033PB5 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala President tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri, Anatol Lapo huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-korpi ta' kontroll fuq il-fruntiera taħt il-kmand tiegħu, f'liema korpi l-gwardjani tal-fruntiera ġew dokumentati li qed jidderieġu, jiggwidaw jew jisfurzaw lill-migranti jaqsmu illegalment il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni, u li n-nuqqas intenzjonat tagħhom li jwettqu dmirijiethom sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu dik il-fruntiera.<br>Huwa għaldaqstant responsabbli għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 169. | Kanstantsin Henadzevich MOLASTAU | Канстанцін Генадзьевіч МОЛАСТАЎ | Kurunell, Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Grodno (maħtur fl-1 ta' Ottubru 2014), Unità Militari 2141, Delegat fil-Fruntieri tal-Istat<br>Data tat-twelid: 30.5.1970 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Grodno, Kanstantsin Molastau huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Grodno li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | Konstantin Gennadevich MOLOSTOV | Константин Геннадьевич МОЛОСТОВ | Post tat-twelid: Krasnoarmeysk, Reġjun ta' Saratov, Federazzjoni Russa<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Numru tal-passaport: KH2479999<br>ID personali: 3300570K025PB3 | Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 170. | Pavel Mikalaevich KHARCHANKA<br>Pavel Nikolaevich KHARCHENKO | Павел Мікалаевіч ХАРЧАНКА<br>Павел Николаевич ХАРЧЕНКО | Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Polotsk<br>Data tat-twelid: 29.3.1981<br>Post tat-twelid: Chita, eks USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Polotsk, Pavel Kharchanka huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Polotsk li twettaq dmirijietha sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni.<br>Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 171. | Ihar Mikalaevich GUTNIK<br>Igor Nikolaevich GUTNIK | Ігар Мікалаевіч ГУТНІК<br>Игорь Николаевич ГУТНИК | Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest, kurunell<br>Data tat-twelid: 17.12.1974<br>Post tat-twelid: ir-raħal ta' Zabolotye, Distrett ta' Smolevichi, Reġjun/Oblast ta' Minsk, eks USSR (issa l-Belarussja)<br>Indirizz: 90 Heroes of Defense of the Brest Fortress St., 224018, Brest, Belarus<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Numru tal-passaport: BM1962867 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest, Ihar Gutnik, li fl-2018 sar deputat fil-Kunsill Reġjonali ta' Brest bħala wieħed mill-kandidati leali għal Lukashenka, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni.<br>Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 172. | Aliaksandr Barysavich DAVIDZIUK | Аляксандр Барысавіч ДАВІДЗЮК | Kurunell, Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Lida, Unità Militari 1234 (maħtur fis-27 ta' Settembru 2016), Delegat fil-Fruntieri tal-Istat | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Lida, Aliaksandr Davidziuk huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | Aleksandr Borisovich DAVIDIUK | Александр Борисович ДАВИДЮК | Membru tal-Kunsill tad-Deputati tad-Distrett ta' Lida tat-28 konvokazzjoni (ħa l-kariga fit-2 ta' Frar 2018)<br>Data tat-twelid: 4.5.1973<br>Post tat-twelid: Novograd-Volynsky, reġjun ta' Zhytomyr, eks USSR (issa l-Ukrajna)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Numru tal-passaport: KH2613034<br>ID personali: 3040573E050PB7 | In-nuqqas intenzjonat tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Lida li twettaq dmirijietha sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 173. | Maksim Viktaravich BUTRANETS<br>Maxim Viktorovich BUTRANETS | Максім Віктаравіч БУТРАНЕЦ<br>Максим Викторович БУТРАНЕЦ | Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Smorgon, Unità Militari 2044 (maħtur f'Marzu 2018), Delegat fil-Fruntieri tal-Istat<br>Data tat-twelid: 12.12.1978<br>Post tat-twelid: Sverdlovsk, eks USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Smorgon, Maksim Butranets huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Smorgon li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. Maksim Butranets iddikjara wkoll li l-għadd ta' migranti fil-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Litwanja baqa' fil-livell tas-soltu, minkejja ż-żieda sostanzjali osservata min-naħa tal-Litwanja. Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 174. | Anatol Anatolyevich GLAZ<br>Anatoliy Anatolyevich GLAZ | Анатоль Анатольевіч ГЛАЗ<br>Анатолий Анатольевич ГЛАЗ | Kap tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u tad-Diplomazija Diġitali (kelliem) tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Belarussja<br>Data tat-twelid: 31.7.1982<br>Sess: raġel | Anatol Glaz ilu Kap tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u tad-Diplomazija Diġitali u Kelliem tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Belarussja mill-11 ta' Ġunju 2018. F'din il-kapaċità, għamel għadd ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi, fejn appoġġa l-politika tar-reġim ta' Lukashenka fl-aktar tentattivi reċenti tiegħu biex jiffaċilita l-qsim illegali tal-fruntieri esterni ta' Stati Membri tal-Unjoni. Huwa ddefenda wkoll pubblikament | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Nazzjonalità: Belarussa | l-inżul furzat tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 fl-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.<br>Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. | |
| 175. | Siarhei Aliaksandravich EPIKHAU<br>Sergei Aleksandrovich EPIKHOV | Сяргей Аляксандравіч ЕПІХАЎ<br>Сергей Александрович ЕПИХОВ | Imħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Minsk<br>Data tat-twelid: 16.5.1966<br>Indirizz: 38 Timoshenko St., apt. 198, Minsk, Belarus;<br>59 L.Tolstoy St., apt. 80, Vileika, Belarus;<br>14 Kedyshko St., apt. 11, Minsk, Belarus<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3160566B046PB4 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Minsk Siarhei Epikhau huwa responsabbli għal deċiżjonijiet politikament motivati kontra mexxejja tal-oppożizzjoni u attivisti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Maria Kolesnikova u Maksim Znak, li huma meqjusa bħala priġunieri politiċi mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt ta' proċess ġust.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021 |
| 176. | Ihar Viachaslavavich LIUBAVITSKI<br>Igor Viacheslavovich LIUBOVITSKI | Ігар Вячаслававіч ЛЮБАВІЦКІ<br>Игорь Вячеславович ЛЮБОВИЦКИЙ | Imħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja<br>Data tat-twelid: 21.7.1983<br>Indirizz: Vogel 1K St., apt. 17, Minsk, Belarus<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3210783C002PB2 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja, Ihar Liubavitski huwa responsabbli għal deċiżjonijiet politikament motivati kontra mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u ġurnalisti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-kandidat presidenzjali tal-oppożizzjoni Viktar Babarika, li hu meqjus bħala priġunier politiku mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 177. | Siarhei Siarheevich GIRGEL<br>Sergei Sergeevich GIRGEL | Сяргей Сяргеевіч ГІРГЕЛЬ<br>Сергей Сергеевич ГИРГЕЛЬ | Prosekutur Anzjan tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni Pubblika tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali<br>Data tat-twelid: 16.6.1978<br>Indirizz: 16 Lidskaya St., apt. 165, Minsk, Belarus<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3160678H018PB5 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Prosekutur Anzjan tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni Pubblika tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, Siarhei Girgel irrappreżenta r-reġim ta' Lukashenka f'kawżi politikament motivati kontra mexxejja tal-oppożizzjoni u membri tas-soċjetà ċivili. B'mod partikolari huwa ħarrek lill-kandidat presidenzjali tal-oppożizzjoni Viktar Babarika, li hu rikonoxxut bħala priġunier politiku mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Siarhei Girgel kontinwament talab lill-imħallef għal sentenzi ta' ħabs fit-tul.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021 |
| 178. | Valiantsina Genadzeuna KULIK<br>Valentina Gennadevna KULIK | Валянціна Генадзьеўна КУЛІК<br>Валентина Геннадьевна КУЛИК | Imħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja<br>Data tat-twelid: 15.1.1960<br>Indirizz: 54 Angarskaya St., apt. 48, Minsk, Belarus<br>Sess: mara<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 4150160A119PB2 | Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja, Valiantsina Kulik hija responsabbli għal deċiżjonijiet politikament motivati kontra attivisti u mexxejja tal-oppożizzjoni. B'mod partikolari hija ċaħdet l-ilment ta' Viktar Babarika biex tinbeda kawża ċivili abbażi tal-ilmenti tiegħu kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tiegħu bħala kandidat presidenzjali.<br>Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021 |
| 179. | Andrei Andreevich PRAKAPUK<br>Andrey Andreevich PROKOPUK | Андрэй Андрэевіч ПРАКАПУК<br>Андрей Андреевич ПРОКОПУК | Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja<br>Kurunell tal-Pulizija Finanzjarja<br>Data tat-twelid: 22.7.1973<br>Post tat-twelid: Kobrin, reġjun ta' Brest, il-Belarussja<br>Indirizz: 22 Mira St., apt. 88, Priluki, Minsk, Belarus | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja, Andrei Prakapuk huwa responsabbli għall-kampanji politikament motivati ta' dak id-dipartiment kontra ġurnalisti u entitajiet tal-media indipendenti Belarussi. Huwa approva personalment deċiżjoni biex issir tfittxija tal-bini tal-entità tal-media indipendenti TUT.by u beda kawża tal-qorti kontra TUT.by u l-ġurnalisti impjegati minn TUT.by, kif ukoll imblokka l-aċċess għas-sit web ta' TUT.by. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3220773C061PB1 | Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika kif ukoll għad-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt. | |
| 180. | Ihar Anatolevich MARSHALAU<br>Igor Anatolevich MARSHALOV | Ігар Анатольевіч МАРШАЛАЎ<br>Игорь Анатольевич МАРШАЛОВ | Viċi President tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat, Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat<br>Maġġur Ġeneral tal-Pulizija Finanzjarja<br>Data tat-twelid: 12.1.1972<br>Post tat-twelid: Shkolv, Reġjun/Oblast ta' Mogilev, eks USSR (issa l-Belarussja)<br>Indirizz: 15 Shchukina St., Minsk, Belarus;<br>43A Franciska St., apt. 41, Minsk, Belarus<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3120172H018PB4 | Ihar Marshalau huwa l-Viċi President tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Belarussja u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat. F'dik il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-bidu tal-kawża politikament motivata dwar l-evażjoni tat-taxxa kontra l-entità tal-media TUT.by, allegatament ibbażata fuq l-Artikolu 243 tal-Kodiċi Kriminali tar-Repubblika tal-Belarussja, li thedded il-libertà tal-media fil-Belarussja. Huwa responsabbli wkoll għat-tfittxijiet li saru f'Mejju 2021 fl-uffiċċju ta' TUT.by f'Minsk, fl-uffiċċji reġjonali u fid-djar ta' diversi membri tal-persunal ta' TUT.by.<br>Huwa responsabbli wkoll għad-detenzjoni ta' membri tal-Belarus Press Club f'Diċembru 2020, it-tfittxija u l-konfiska ta' oġġetti fl-uffiċċju tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà inkluż l-interrogazzjoni vjolenti ta' Aleh Hrableuski u Syarhei Drazdouski f'Jannar 2021, id-detenzjoni tal-membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni Liliya Ulasavau u l-akkużi ta' evażjoni tat-taxxa kontriha, kif ukoll it-tfittxija u d-detenzjonijiet li affettwaw lill-impjegati tal-kumpannija tas-software PandaDoc, li kienet qed tmexxi l-inizjattiva "Protect Belarus" f'Settembru 2021<br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika kif ukoll għad-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 181. | Hanna Mikhailauna SAKALOUSKAYA<br>Anna Mikhaylovna SOKOLOVSKAYA | Ганна Міхайлаўна САКАЛОЎСКАЯ<br>Анна Михайловна СОКОЛОВСКАЯ | Imħallef tal-Collegium Ġudizzjarju għal Każijiet Ċivili fil-Qorti Suprema<br>Data tat-twelid: 18.9.1955<br>Indirizz: 22 Surhanava St., apt. 1, Minsk, Belarus<br>Sess: mara<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 4180955A015P80 | Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja, Hanna Sakalouskaya hija responsabbli għad-deċiżjoni politikament motivata biex tiġi likwidata il-Belarus PEN Center – organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili Belarussa. Hija responsabbli wkoll għal deċiżjoni politikament motivata li wasslet għal-likwidazzjoni tal-Kumitat Helsinki tal-Belarussja (BHC), peress li fit-2 ta' Settembru 2021 ċaħdet l-ilment mill-BHC dwar it-twissija mmirata lejn il-BHC mill-Ministeru għall-Ġustizzja Belarussu.<br>Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021 |
| 182. | Marat Siarheevich MARKAU<br>Marat Sergeevich MARKOV | Марат Сяргеевіч МАРКАЎ<br>Марат Сергеевич МАРКОВ | President tal-Bord tat-Tmexxija tal-istazzjon televiżiv ikkontrollat mill-Istat ONT, preżentatur tal-programm "Markov: Nothing Personal"<br>Data tat-twelid: 1.5.1969<br>Post tat-twelid: Luninets, eks USSR (issa l-Belarussja)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Marat Markau huwa l-President tal-Bord tat-Tmexxija tal-istazzjon televiżiv ikkontrollat mill-Istat ONT u l-preżentatur tal-programm "Markov: Nothing Personal". F'din il-pożizzjoni huwa qed jagħti volontarjament informazzjoni falza lill-pubbliku Belarussu dwar l-eżitu tal-elezzjonijiet, il-protesti u r-repressjoni pperpetwata mill-awtoritajiet tal-Istat, u ċ-ċirkostanzi tal-inżul furzat tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 fl-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Huwa direttament responsabbli għall-mod li bih l-istazzjon ONT jippreżenta l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, u b'hekk jagħti appoġġ lill-awtoritajiet, inkluż lil Lukashenka. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.<br>Markov għamel l-ewwel intervista furzata ma' Raman Pratasevich, wara li Pratasevich ġie detenut u skont rapporti numerużi ttorturat mill-awtoritajiet Belarussi. Markov ukoll hedded u intimida ħaddiema tal-ONT li kienu qed jisstrajkjaw wara l-elezzjonijiet presidenzjali frodulenti tal-2020 u r-repressjoni mill-awtoritajiet. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 183. | Dzmitry Siarheevich KARSIUK<br>Dmitriy Sergeevich KARSIUK | Дзмітрый Сяргеевіч КАРСЮК<br>Дмитрий Сергеевич КАРСЮК | Imħallef fil-Qorti tad-Distrett Ċentrali tal-Belt ta' Minsk<br>Data tat-twelid: 7.7.1995<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti tad-Distrett Ċentrali tal-Belt ta' Minsk, Dzmitriy Karsiuk huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti, b'mod partikolari għall-kundanna ta' Yahor Viarshynin, Pavel Lukoyanov, Artsiom Sakovich u Mikalai Shemetau, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem Belarussa. Huwa ta kundanni ta' kolonja penali, ħabs u detenzjoni domiċiljari lil nies talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi, minħabba posts fuq il-media soċjali, l-użu tal-bandiera bajda, ħamra u bajda tal-Belarussja u eżerċizzji oħra ta' libertajiet ċivili.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021"; |

(2) il-persuni ġuridiċi li ġejjin jiżdiedu fit-tabella "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)":

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| "16 | Open Joint Stock Company "Belavia Belarusian Airlines" | ААТ "Авіякампанія Белавія"<br>ОАО «Авиакомпания Белавиа» | Indirizz: 14A Nemiga St., Minsk, Belarus, 220004<br>Data ta' reġistrazzjoni: 4.1.1996<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 600390798 | Open Joint Stock Company "Belavia" huwa t-trasportatur tal-linja tal-ajru nazzjonali tal-Istat. Aliaksandr Lukashenka wiegħed li l-amministrazzjoni tiegħu ser tagħti kull appoġġ possibbli lil Belavia wara li l-Unjoni ddeċidiet li ddaħħal projbizzjoni fuq it-titjir li jgħaddi minn fuq l-ispazju tal-ajru tal-Unjoni u fuq l-aċċess għall-ajruporti tal-Unjoni mit-trasportaturi tal-ajru Belarussi kollha. Għal dak il-għan, huwa qabel mal-President Russu Vladimir Putin dwar l-ippjanar tal-ftuħ ta' rotot ġodda tal-linji tal-ajru għal Belavia.<br>Il-maniġment ta' Belavia qal ukoll lill-impjegati tiegħu biex ma jipprotestawx kontra l-irregolaritajiet tal-elezzjoni u d-detenzjonijiet tal-massa fil-Belarussja, għall-fatt li Belavia hija intrapriża tal-Istat. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Għaldaqstant, Belavia qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah.<br><br>Belavia kienet involuta biex jinġiebu migranti mil-Lvant Nofsani lejn il-Belarussja. Migranti li jixtiequ jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni qed itiru lejn Minsk abbord titjiriet operati minn Belavia minn għadd ta' pajjiżi mil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari il-Libanu, l-Emirati Għarab Magħquda u t-Turkija. Biex tiffaċilita dan, Belavia fetħet rotot tal-ajru ġodda u żiedet l-għadd ta' titjiriet fuq rotot eżistenti. Operaturi turistiċi lokali ħadmu bħala intermedjarji fil-bejgħ ta' biljetti ta' Belavia lil migranti prospettivi, u b'hekk għenu lil Belavia żżomm profil baxx.<br><br>Belavia għaldaqstant qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 17. | Republican unitary enterprise "TSENTRKURORT" | Рэспубліканскае унітарнае прадпрыемства "ЦЭНТРКУРОРТ"<br>Республиканское унитарное предприятие "ЦЕНТРКУРОРТ" | Indirizz: 39 Myasnikova St., Minsk, Belarus, 220030<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 12.8.2003<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni: 100726604 | Il-kumpannija turistika tal-istat Tsentrkurort tagħmel parti mid-Dipartiment tal-Affarijiet Presidenzjali tal-Belarussja. Huwa rrappurtat li Tsentrkurort hija waħda mill-kumpanniji li tikkoordina l-fluss ta' migranti li għandhom l-intenzjoni li jaqsmu l-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni. Tsentrkurort għenet lil mill-anqas 51 ċittadin Iraqi jakkwistaw viżi għaż-żjara tagħhom fil-Belarussja, u ffirmat kuntratt għal servizzi tat-trasport mal-kumpannija Belarussa Stroitur, li toffri kiri ta' xarabankijiet bix-xufier. Ix-xarabankijiet ibbukkjati minn Tsentrkurort ittrasportaw lill-migranti, inkluż tfal, mill-ajruport ta' Minsk sal-lukandi.<br><br>Għaldaqstant Tsentrkurort qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 18. | LLC Oskartour | ООО Оскартур | Indirizz: 25 Karl Marx St., room 1n, Minsk, Belarus<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 18.10.2016 | Oskartur huwa operatur turistiku, li ffaċilita l-kisba ta' viżi għal migranti ġejjin mill-Iraq u organizza l-vjaġġ sussegwenti tagħhom lejn il-Belarussja permezz ta' titjiriet minn Bagdad għal Minsk. Dawk il-migranti Iraqin aktar tard ġew ittrasporati sal- | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Numru ta' reġistrazzjoni: 192721937 | fruntiera ta' bejn il-Belarussja u l-Unjoni bil-għan li jaqsmuha b'mod illegali. Bis-saħħa ta' Oskartur u l-kuntatti tiegħu mal-linji tal-ajru Iraqin, l-awtoritajiet Belarussi u l-kumpannija tal-Istat Tsentrkurort, tnedew titjiriet regolari minn Bagdad għal Minsk mit-trasportatur tal-ajru Iraqi, sabiex jinġiebu aktar persuni lejn il-Belarussja biex jaqsmu b'mod illegali l-fruntieri esterni tal-Unjoni. Oskartur ħa sehem f'din l-iskema għall-qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u kumpanniji tal-Istat.<br><br>Għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 19. | Republican subsidiary unitary enterprise "HOTEL MINSK" | Гатэль « МІНСК»<br><br>Республиканское дочернее унитарное предприятие ОТЕЛЬ «МИНСК» | Indirizz: 11 Nezavisimosti Ave., Minsk, Belarus<br><br>Tel: +375 (17) 209-90-61<br><br>Fax: +375 (17) 200-00-72<br><br>Indirizz elettroniku: hotelminsk@udp.gov.by; marketing@hotelminsk.by<br><br>Sit web: http://hotelminsk.by/<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 26.12.2016 / 3.4.2017<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni: 192750964 | Hotel Minsk hija kumpannija sussidjarja tal-Belarus President Property Management Directorate – aġenzija tal-gvern li tirrapporta direttament lill-President. Hotel Minsk ħadet sehem f'din l-iskema ta' qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u kumpanniji tal-Istat. Il-migranti ngħataw akkomodazzjoni fil-lukanda qabel ma ġew ittrasportati lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni sabiex jaqsmuha b'mod illegali. Il-migranti Iraqin elenkaw lill-Hotel Minsk bħala residenza temporanja fl-applikazzjonijiet tal-viża Belarussa tagħhom, li ġew ippreżentati immedjatament qabel il-wasla tagħhom fil-Belarussja.<br><br>Għaldaqstant, Hotel Minsk qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 20. | Open Joint Stock Company "HOTEL PLANETA" | ААТ « ГАСЦІНІЦА ПЛАНЕТА»<br><br>ОАО «ГОСТИНИЦА ПЛАНЕТА» | Indirizz: 31 Pobediteley Ave., Minsk, Belarus<br><br>Tel: +375 (17) 226-78-53<br><br>Fax: +375 (17) 226-78-55<br><br>Indirizz elettroniku: planeta@udp.gov.by<br><br>Sit web: https://hotelplaneta.by/<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 1.2.1994/ 6.3.2000 | Hotel Planeta hija kumpannija sussidjarja tal-Belarus President Property Management Directorate – aġenzija tal-gvern li tirrapporta direttament lill-President. Hotel Planeta ħadet sehem fl-iskema għall-qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u l-kumpanniji tal-Istat. Il-migranti ngħataw akkomodazzjoni fil-lukanda qabel ma ġew ittrasportati lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni sabiex jaqsmuha b'mod illegali. Huma ħallsu USD 1 000 lil aġent tal-ivjaġġar f'Bagdad għat-titjira, viża turistika u soġġorn fil-lukanda. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Numru ta' reġistrazzjoni: 100135173 | Għaldaqstant, Hotel Planeta qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 21. | ASAM (Asobnaia sluzhba aktyunykh merapryemstvau)<br>OSAM (Otdiel'naya sluzhba aktivnykh mieropriyatiy) | Асобная служба актыўных мерапрыемстваў (АСАМ)<br>Отдельная служба активных мероприятий (ОСАМ) | Indirizz: State Border Committee of the Republic of Belarus, 24 Volodarsky St., 220050, Minsk, Belarus | ASAM (Separate Service for Active Measures) hija unità speċjali Belarussa tal-gwardji tal-fruntiera kkontrollata minn Viktar Lukashenka u mmexxija minn Ihar Kruchkou. Il-forzi ta' ASAM taħt l-operazzjoni speċjali "Gate" jorganizzaw qsim tal-fruntieri illegali mill-Belarussja lejn Stati Membri tal-Unjoni u huma involuti direttament fit-trasportazzjoni fiżika tal-migranti lejn in-naħa l-oħra tal-fruntiera. Barra minn hekk, ASAM tiċċarġja lill-migranti trasportati għall-qsim tal-fruntiera.<br>Għaldaqstant, ASAM qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 22. | Cham Wings Airlines | | Indirizz: P.O. Box 30588 Damascus, Syria<br>Sit web: https://chamwings.com/ | Cham Wings Airlines huwa operatur ta' titjiriet charter mis-Sirja għall-Belarussja. Il-kumpannija żiedet l-għadd ta' titjiriet minn Damasku għal Minsk mis-sajf tal-2021 sabiex tittrasporta migranti lejn il-Belarussja, li kellhom l-intenzjoni li jaqsmu illegalment il-fruntieri esterni tal-Unjoni. Fil-ħarifa tal-2021, Cham Wings fethet ukoll żewġ uffiċċji ġodda f'Minsk sabiex tkun tista' torganizza t-titjiriet bejn Damasku u Minsk.<br>Għaldaqstant, Cham Wings Airlines qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 23. | VIP Grub | | Indirizz: Büyükdere Cad., No:201, Istanbul, Turkey | VIP Grub huwa servizz tal-passaporti u l-viża bbażat f'Istanbul, it-Turkija, li jorganizza vjaġġi lejn il-Belarussja bl-intenzjoni espliċita li jiffaċilita l-migrazzjoni lejn l-Unjoni. VIP Grub jirreklama b'mod attiv il-migrazzjoni lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, VIP Grub qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka billi jiffaċilita l-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 24. | Open Joint Stock Company "Grodno Azot"<br><br>Inkluż il-fergħa «Khimvolokno Plant» JSC «Grodno Azot» | ААТ "Гродна Азот"<br><br>ОАО "Гродно Азот"<br><br>Філіял "Завод Хімвалакно" ААТ "Гродна Азот"<br><br>Филиал «Завод Химволокно» ОАО «Гродно Азот» | Indirizz: 100 Kosmonavtov Ave., Grodno, Belarus<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 1965<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni: 500036524<br><br>Sit web: https://azot.by/en/<br><br>Indirizz: 4 Slavinskogo, St., Grodno, 230026, Belarus<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 12.5.2000<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni: 590046884 | Grodno Azot huwa produttur kbir tal-Istat li jipproduċi komponenti tan-nitroġenu, ibbażat fi Grodno. Lukashenka iddeskriviha bħala "intrapriża importanti ħafna, waħda strateġika". Grodno Azot huwa l-proprjetarju wkoll ta' Khimvolokno Plant, li huwa manifattur kbir ta' poliamidi u poliester u materjali kompożiti. Grodno Azot u Khimvolokno Plant tiegħu huma sors ta' dħul sostanzjali għar-reġim ta' Lukashenka. Għaldaqstant, Grodno Azot qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.<br><br>Lukashenka żar il-kumpannija u ltaqa' mar-rappreżentanti tagħha, waqt li ddiskutew il-modernizzazzjoni tal-impjant u forom varji ta' għajnuna tal-Istat. Lukashenka wiegħed ukoll li ser jintuża self għall-bini ta' impjant ġdid tan-nitroġenu fi Grodno. Għaldaqstant, Grodno Azot qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.<br><br>Il-ħaddiema ta' Grodno Azot, inkluż l-impjegati tagħha fi Khimvolokno Plant, li ħadu sehem fi protesti paċifiċi kontra r-reġim u ħarġu bi strajk, ingħataw s-sensja, ġew intimidati u mhedda kemm mill-maniġment ta' Grodno Azot kif ukoll mir-rappreżentati tar-reġim. Għaldaqstant, Grodno Azot hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. | 2.12.2021 |
| 25. | State Production Association Belorusneft | Дзяржаўнае вытворчае аб'яднанне «Беларуснафта»<br><br>Государственное производственное объединение «Белоруснефть» | Indirizz: 9 Rogachevskaya St., Gomel, 246003, Belarus<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 25.2.1966<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni: 400051902 | Belorusneft hija kumpannija tal-istat li topera fis-settur petrokimiku. Il-maniġment tal-kumpannija ta s-sensja lill-ħaddiema li ħarġu fuq strajk, ħadu sehem fil-protesti kontra r-reġim jew appoġġaw pubblikament dawn il-protesti. Għaldaqstant Belorusneft hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 26. | Open Joint Stock Company Belshina | ААТ "Белшина"<br>ОАО "Белшина" | Indirizz: 4 Minskoe Shosse St., Bobruisk, 213824 Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 10.1.1994<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 700016217<br>Sit web: http://www.belshinajsc.by/ | Belshina hija waħda mill-kumpanniji ewlenin tal-Istat fil-Belarussja u manifattur kbir tat-tyres tal-vetturi. Bħala tali, hija sors sostanzjali ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. L-Istat tal-Belarussja qed jagħmel profitt dirett mill-qligħ ta' Belshina. Għaldaqstant, Belshina tappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.<br>L-impjegati ta' Belshina li pprotestaw u ħarġu fuq strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja ngħataw is-sensja. Għaldaqstant, Belshina hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. | 2.12.2021". |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/2125

**tat-2 ta' Diċembru 2021**

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja.

(2) Fil-21 u t-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew adotta l-konklużjonijiet fejn iddikjara li mhu ser jaċċetta l-ebda tentattiv minn pajjiżi terzi biex jistrumentalizzaw lill-migranti għal finijiet politiċi, ikkundanna kull attakk ibridu fil-fruntieri tal-Unjoni u afferma li ser jirreaġixxi kif xieraq. Huwa ssottolinja li l-Unjoni ser tkompli tiġġieled l-attakk ibridu li għaddej imniedi mir-reġim Belarussu, inkluż billi tadotta, b'mod urġenti, aktar miżuri restrittivi kontra persuni u entitajiet legali, f'konformità mal-approċċ gradwali tagħha.

(3) Fid-Deċiżjoni tiegħu (PESK) 2021/1990 ([2]) tal-15 ta' Novembru 2021, il-Kunsill emenda l-kriterji ta' deżinjazzjoni fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK biex tkun possibbli l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jorganizzaw jew jikkontribwixxu għal attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti pprojbiti u t-trasferiment illegali ta' oġġetti ristretti, inkluż oġġetti perikolużi, fit-territorju ta' Stat Membru.

(4) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarussja, jenħtieġ li 17-il persuna u 11-il entità jinżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1990 tal-15 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU L 405, 16.11.2021, p. 10).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VRTOVEC

*ANNESS*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) il-persuni fiżiċi li ġejjin jiżdiedu fit-tabella “A. Persuni fiżiċi msemmijin fl-Artikoli 3(1) u 4(1)”:

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| “167. | Ihar Anatolevich KRUCHKOU<br>Igor Anatolevich KRIUCHKOV | Ігар Анатольевіч КРУЧКОЎ<br>Игорь Анатольевич КРЮЧКОВ | Kap tas-Servizz Separat għal Miżuri Attivi (ASAM) tal-Forzi Speċjali tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri<br>Data tat-twelid: 13.4.1976<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3130476M077PB6 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tas-Servizz Separat għal Miżuri Attivi (ASAM) tal-Forzi Speċjali tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri, Ihar Kruchkou huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-forzi taħt il-kmand tiegħu, li huma involuti fit-trasportazzjoni fiżika tal-migranti ġewwa l-Belarussja lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni. L-ASAM titlob lill-migranti trasportati ħlas biex jaqsmu l-fruntiera. Dawk l-azzjonijiet huma implimentati bħala parti mill-operazzjoni “Gate”.<br>Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta’ Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 168. | Anatol Piatrovich LAPO<br>Anatoliy Petrovich LAPPO | Анатоль Пятровіч ЛАПО/ЛАППО<br>Анатолии Петрович ЛАППО | Logutenent Ġeneral, President tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri tar-Repubblika tal-Belarussja (maħtur fid-29 ta’ Diċembru 2016), Delegat Kap fil-Fruntieri tal-Istat<br>Data tat-twelid: 24.5.1963<br>Post tat-twelid: Kulakovka, Reġjun/Oblast ta’ Mogilev, eks USSR (issa l-Belarussja)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Numru tal-passaport: MP4098888<br>ID personali: 3240563K033PB5 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala President tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri, Anatol Lapo huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-korpi ta’ kontroll fuq il-fruntiera taħt il-kmand tiegħu, f’liema korpi l-gwardjani tal-fruntiera ġew dokumentati li qed jidderieġu, jiggwidaw jew jisfurzaw lill-migranti jaqsmu illegalment il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni, u li n-nuqqas intenzjonat tagħhom li jwettqu dmirijiethom sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu dik il-fruntiera.<br>Huwa għaldaqstant responsabbli għall-organizzazzjoni ta’ attivitajiet mir-reġim ta’ Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 169. | Kanstantsin Henadzevich MOLASTAU Konstantin Gennadevich MOLOSTOV | Канстанцін Генадзьевіч МОЛАСТАЎ Константин Геннадьевич МОЛОСТОВ | Kurunell, Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta’ Grodno (maħtur fl-1 ta’ Ottubru 2014), Unità Militari 2141, Delegat fil-Fruntieri tal-Istat Data tat-twelid: 30.5.1970<br>Post tat-twelid: Krasnoarmeysk, Reġjun ta’ Saratov, Federazzjoni Russa<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Numru tal-passaport: KH2479999 ID personali: 3300570K025PB3 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta’ Grodno, Kanstantsin Molastau huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Fruntiera ta’ Grodno li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita | 2.12.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni.<br>Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 170. | Pavel Mikalaevich KHARCHANKA<br><br>Pavel Nikolaevich KHARCHENKO | Павел Мікалаевіч Харчанка<br><br>Павел Николаевич ХАРЧЕНКО | Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Polotsk<br><br>Data tat-twelid: 29.3.1981<br><br>Post tat-twelid: Chita, eks USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Polotsk, Pavel Kharchanka huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Polotsk li twettaq dmirijietha sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni.<br><br>Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 171. | Ihar Mikalaevich GUTNIK<br><br>Igor Nikolaevich GUTNIK | Ігар Мікалаевіч ГУТНІК<br><br>Игорь Николаевич ГУТНИК | Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest, kurunell<br><br>Data tat-twelid: 17.12.1974<br><br>Post tat-twelid: ir-raħal ta' Zabolotye, Distrett ta' Smolevichi, Reġjun/Oblast ta' Minsk, eks USSR (issa l-Belarussja)<br><br>Indirizz: 90 Heroes of Defense of the Brest Fortress St., 224018, Brest, Belarus<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Numru tal-passaport: BM1962867 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest, Ihar Gutnik, li fl-2018 sar deputat fil-Kunsill Reġjonali ta' Brest bħala wieħed mill-kandidati leali għal Lukashenka, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni.<br><br>Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 172. | Aliaksandr Barysavich DAVIDZIUK<br>Aleksandr Borisovich DAVIDIUK | Аляксандр Барысавіч ДАВІДЗЮК<br>Александр Борисович ДАВИДЮК | Kurunell, Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Lida, Unità Militari 1234 (maħtur fis-27 ta' Settembru 2016), Delegat fil-Fruntieri tal-Istat<br>Membru tal-Kunsill tad-Deputati tad-Distrett ta' Lida tat-28 konvokazzjoni (ħa l-kariga fit-2 ta' Frar 2018)<br>Data tat-twelid: 4.5.1973<br>Post tat-twelid: Novograd-Volynsky, reġjun ta' Zhytomyr, eks USSR (issa l-Ukrajna)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Numru tal-passaport: KH2613034<br>ID personali: 3040573E050PB7 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Lida, Aliaksandr Davidziuk huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Lida li twettaq dmirijietha sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 173. | Maksim Viktaravich BUTRANETS<br>Maxim Viktorovich BUTRANETS | Максім Віктаравіч БУТРАНЕЦ<br>Максим Викторович БУТРАНЕЦ | Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Smorgon, Unità Militari 2044 (maħtur f'Marzu 2018), Delegat fil-Fruntieri tal-Istat<br>Data tat-twelid: 12.12.1978<br>Post tat-twelid: Sverdlovsk, eks USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Smorgon, Maksim Butranets huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Smorgon li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. Maksim Butranets iddikjara wkoll li l-għadd ta' migranti fil-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Litwanja baqa' fil-livell tas-soltu, minkejja ż-żieda sostanzjali osservata min-naħa tal-Litwanja. Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 174. | Anatol Anatolyevich GLAZ<br>Anatoliy Anatolyevich GLAZ | Анатоль Анатольевіч ГЛАЗ | Kap tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u tad-Diplomazija Diġitali (kelliem) tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Belarussja<br>Data tat-twelid: 31.7.1982 | Anatol Glaz ilu Kap tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u tad-Diplomazija Diġitali u Kelliem tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Belarussja mill-11 ta' Ġunju 2018. F'din il-kapaċità, għamel għadd ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi, fejn appoġġa l-politika tar-reġim ta' | 2.12.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Анатолий Анатольевич ГЛАЗ | Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Lukashenka fl-aktar tentattivi reċenti tiegħu biex jiffaċilita l-qsim illegali tal-fruntieri esterni ta' Stati Membri tal-Unjoni. Huwa ddefenda wkoll pubblikament l-inżul furzat tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 fl-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.<br>Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. | |
| 175. | Siarhei Aliaksandravich EPIKHAU<br>Sergei Aleksandrovich EPIKHOV | Сяргей Аляксандравіч ЕПІХАЎ<br>Сергей Александрович ЕПИХОВ | Imħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Minsk<br>Data tat-twelid: 16.5.1966<br>Indirizz: 38 Timoshenko St., apt. 198, Minsk, Belarus;<br>59 L.Tolstoy St., apt. 80, Vileika, Belarus;<br>14 Kedyshko St., apt. 11, Minsk, Belarus<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3160566B046PB4 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Minsk Siarhei Epikhau huwa responsabbli għal deċiżjonijiet politikament motivati kontra mexxejja tal-oppożizzjoni u attivisti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Maria Kolesnikova u Maksim Znak, li huma meqjusa bħala priġunieri politiċi mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt ta' proċess ġust.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021 |
| 176. | Ihar Viachaslavavich LIUBAVITSKI<br>Igor Viacheslavovich LIUBOVITSKI | Ігар Вячаслававіч ЛЮБАВІЦКІ<br>Игорь Вячеславович ЛЮБОВИЦКИЙ | Imħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja<br>Data tat-twelid: 21.7.1983<br>Indirizz: Vogel 1K St., apt. 17, Minsk, Belarus<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja, Ihar Liubavitski huwa responsabbli għal deċiżjonijiet politikament motivati kontra mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u ġurnalisti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-kandidat presidenzjali tal-oppożizzjoni Viktar Babarika, li hu meqjus bħala priġunier politiku mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3210783C002PB2 | Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | |
| 177. | Siarhei Siarheevich GIRGEL<br>Sergei Sergeevich GIRGEL | Сяргей Сяргеевіч ГІРГЕЛЬ<br>Сергей Сергеевич ГИРГЕЛЬ | Prosekutur Anzjan tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni Pubblika tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali<br>Data tat-twelid: 16.6.1978<br>Indirizz: 16 Lidskaya St., apt. 165, Minsk, Belarus<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3160678H018PB5 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Prosekutur Anzjan tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni Pubblika tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, Siarhei Girgel irrappreżenta r-reġim ta' Lukashenka f'kawżi politikament motivati kontra mexxejja tal-oppożizzjoni u membri tas-soċjetà ċivili. B'mod partikolari huwa ħarrek lill-kandidat presidenzjali tal-oppożizzjoni Viktar Babarika, li hu rikonoxxut bħala priġunier politiku mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Siarhei Girgel kontinwament talab lill-imħallef għal sentenzi ta' ħabs fit-tul.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021 |
| 178. | Valiantsina Genadzeuna KULIK<br>Valentina Gennadevna KULIK | Валянціна Генадзьеўна КУЛІК<br>Валентина Геннадьевна КУЛИК | Imħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja<br>Data tat-twelid: 15.1.1960<br>Indirizz: 54 Angarskaya St., apt. 48, Minsk, Belarus<br>Sess: mara<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 4150160A119PB2 | Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja, Valiantsina Kulik hija responsabbli għal deċiżjonijiet politikament motivati kontra attivisti u mexxejja tal-oppożizzjoni. B'mod partikolari hija ċaħdet l-ilment ta' Viktar Babarika biex tinbeda kawża ċivili abbażi tal-ilmenti tiegħu kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tiegħu bħala kandidat presidenzjali.<br>Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021 |
| 179. | Andrei Andreevich PRAKAPUK<br>Andrey Andreevich PROKOPUK | Андрэй Андрэевіч ПРАКАПУК | Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja<br>Kurunell tal-Pulizija Finanzjarja | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja, Andrei Prakapuk huwa responsabbli għall-kampanji politikament motivati ta' dak id-dipartiment kontra ġurnalisti u entitajiet tal-media indipendenti Belarussi. Huwa approva | 2.12.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Андрей Андреевич ПРОКОПУК | Data tat-twelid: 22.7.1973<br>Post tat-twelid: Kobrin, reġjun ta' Brest, il-Belarussja<br>Indirizz: 22 Mira St., apt. 88, Priluki, Minsk, Belarus<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3220773C061PB1 | personalment deċiżjoni biex issir tfittxija tal-bini tal-entità tal-media indipendenti TUT.by u beda kawża tal-qorti kontra TUT.by u l-ġurnalisti impjegati minn TUT.by, kif ukoll imblokka l-aċċess għas-sit web ta' TUT.by.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika kif ukoll għad-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt. | |
| 180. | Ihar Anatolevich MARSHALAU<br>Igor Anatolevich MARSHALOV | Irap Анатольевіч МАРШАЛАЎ<br>Игорь Анатольевич МАРШАЛОВ | Viċi President tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat, Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat<br>Maġġur Ġeneral tal-Pulizija Finanzjarja<br>Data tat-twelid: 12.1.1972<br>Post tat-twelid: Shkolv, Reġjun/Oblast ta' Mogilev, eks USSR (issa l-Belarussja)<br>Indirizz: 15 Shchukina St., Minsk, Belarus;<br>43 A Franciska St., apt. 41, Minsk, Belarus<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 3120172H018PB4 | Ihar Marshalau huwa l-Viċi President tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Belarussja u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat. F'dik il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-bidu tal-kawża politikament motivata dwar l-evażjoni tat-taxxa kontra l-entità tal-media TUT.by, allegatament ibbażata fuq l-Artikolu 243 tal-Kodiċi Kriminali tar-Repubblika tal-Belarussja, li thedded il-libertà tal-media fil-Belarussja. Huwa responsabbli wkoll għat-tfittxijiet li saru f'Mejju 2021 fl-uffiċċju ta' TUT.by f'Minsk, fl-uffiċċji reġjonali u fid-djar ta' diversi membri tal-persunal ta' TUT.by.<br>Huwa responsabbli wkoll għad-detenzjoni ta' membri tal-Belarus Press Club f'Diċembru 2020, it-tfittxija u l-konfiska ta' oġġetti fl-uffiċċju tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà inkluż l-interrogazzjoni vjolenti ta' Aleh Hrableuski u Syarhei Drazdouski f'Jannar 2021, id-detenzjoni tal-membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni Liliya Ulasavau u l-akkużi ta' evażjoni tat-taxxa kontriha, kif ukoll it-tfittxija u d-detenzjonijiet li affettwaw lill-impjegati tal-kumpannija tas-software PandaDoc, li kienet qed tmexxi l-inizjattiva "Protect Belarus" f'Settembru 2021 | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika kif ukoll għad-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt. | |
| 181. | Hanna Mikhailauna SAKALOUSKAYA<br>Anna Mikhaylovna SOKOLOVSKAYA | Ганна Міхайлаўна САКАЛОЎСКАЯ<br>Анна Михайловна СОКОЛОВСКАЯ | Imħallef tal-Collegium Ġudizzjarju għal Każijiet Ċivili fil-Qorti Suprema<br>Data tat-twelid: 18.9.1955<br>Indirizz: 22 Surhanava St., apt. 1, Minsk, Belarus<br>Sess: mara<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>ID personali: 4180955A015P80 | Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja, Hanna Sakalouskaya hija responsabbli għad-deċiżjoni politikament motivata biex tiġi likwidata il-Belarus PEN Center – organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili Belarussa. Hija responsabbli wkoll għal deċiżjoni politikament motivata li wasslet għal-likwidazzjoni tal-Kumitat Helsinki tal-Belarussja (BHC), peress li fit-2 ta' Settembru 2021 ċaħdet l-ilment mill-BHC dwar it-twissija mmirata lejn il-BHC mill-Ministeru għall-Ġustizzja Belarussu.<br>Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021 |
| 182. | Marat Siarheevich MARKAU<br>Marat Sergeevich MARKOV | Марат Сяргеевіч МАРКАЎ<br>Марат Сергеевич МАРКОВ | President tal-Bord tat-Tmexxija tal-istazzjon televiżiv ikkontrollat mill-Istat ONT, preżentatur tal-programm "Markov: Nothing Personal"<br>Data tat-twelid: 1.5.1969<br>Post tat-twelid: Luninets, eks USSR (issa l-Belarussja)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Marat Markau huwa l-President tal-Bord tat-Tmexxija tal-istazzjon televiżiv ikkontrollat mill-Istat ONT u l-preżentatur tal-programm "Markov: Nothing Personal". F'din il-pożizzjoni huwa qed jagħti volontarjament informazzjoni falza lill-pubbliku Belarussu dwar l-eżitu tal-elezzjonijiet, il-protesti u r-repressjoni pperpetwata mill-awtoritajiet tal-Istat, u ċ-ċirkostanzi tal-inżul furzat tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 fl-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Huwa direttament responsabbli għall-mod li bih l-istazzjon ONT jippreżenta l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, u b'hekk jagħti appoġġ lill-awtoritajiet, inkluż lil Lukashenka. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Markov għamel l-ewwel intervista furzata ma' Raman Pratasevich, wara li Pratasevich ġie detenut u skont rapporti numerużi ttorturat mill-awtoritajiet Belarussi. Markov ukoll hedded u intimida ħaddiema tal-ONT li kienu qed jisstrajkjaw wara l-elezzjonijiet presidenzjali frodulenti tal-2020 u r-repressjoni mill-awtoritajiet. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika | |
| 183. | Dzmitry Siarheevich KARSIUK<br><br>Dmitriy Sergeevich KARSIUK | Дзмітрый Сяргеевіч КАРСЮК<br><br>Дмитрий Сергеевич КАРСЮК | Imħallef fil-Qorti tad-Distrett Ċentrali tal-Belt ta' Minsk<br><br>Data tat-twelid: 7.7.1995<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti tad-Distrett Ċentrali tal-Belt ta' Minsk, Dzmitriy Karsiuk huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti, b'mod partikolari għall-kundanna ta' Yahor Viarshynin, Pavel Lukoyanov, Artsiom Sakovich u Mikalai Shemetau, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem Belarussa. Huwa ta kundanni ta' kolonja penali, ħabs u detenzjoni domiċiljari lil nies talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi, minħabba posts fuq il-media soċjali, l-użu tal-bandiera bajda, ħamra u bajda tal-Belarussja u eżerċizzji oħra ta' libertajiet ċivili.<br><br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 2.12.2021"; |

(2) il-persuni ġuridiċi li ġejjin jiżdiedu fit-tabella "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 4(1)":

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| "16 | Open Joint Stock Company "Belavia Belarusian Airlines" | ААТ "Авіякампанія Белавія"<br><br>ОАО "Авиакомпания Белавиа" | Indirizz: 14 A Nemiga St., Minsk, Belarus, 220004<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 4.1.1996<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni: 600390798 | Open Joint Stock Company "Belavia" huwa t-trasportatur tal-linja tal-ajru nazzjonali tal-Istat. Aliaksandr Lukashenka wiegħed li l-amministrazzjoni tiegħu ser tagħti kull appoġġ possibbli lil Belavia wara li l-Unjoni ddeċidiet li ddaħħal projbizzjoni fuq it-titjir li jgħaddi minn fuq l-ispazju tal-ajru tal-Unjoni u fuq l-aċċess għall-ajruporti tal-Unjoni mit-trasportaturi tal-ajru Belarussi kollha. Għal dak il-għan, huwa qabel mal-President Russu Vladimir Putin dwar l-ippjanar tal-ftuħ ta' rotot ġodda tal-linji tal-ajru għal Belavia.<br><br>Il-maniġment ta' Belavia qal ukoll lill-impjegati tiegħu biex ma jipprotestawx kontra l-irregolaritajiet tal-elezzjoni u d-detenzjonijiet tal-massa fil-Belarussja, għall-fatt li Belavia hija intrapriża tal-Istat.<br><br>Għaldaqstant, Belavia qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah.<br><br>Belavia kienet involuta biex jinġiebu migranti mil-Lvant Nofsani lejn il-Belarussja. Migranti li jixtiequ jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni qed itiru lejn Minsk abbord titjiriet operati minn Belavia minn għadd ta' pajjiżi mil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari il-Libanu, l-Emirati Għarab Magħquda u t-Turkija. Biex tiffaċilita dan, Belavia fethet rotot tal-ajru ġodda u żiedet l-għadd ta' titjiriet fuq rotot eżistenti. Operaturi turistiċi lokali ħadmu bħala intermedjarji fil-bejgħ ta' biljetti ta' Belavia lil migranti prospettivi, u b'hekk għenu lil Belavia żżomm profil baxx.<br><br>Belavia għaldaqstant qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 17. | Republican unitary enterprise "TSENTRKURORT" | Рэспубліканскае унітарнае прадпрыемства "ЦЭНТРКУРОРТ" Республиканское унитарное предприятие "ЦЕНТРКУРОРТ" | Indirizz: 39 Myasnikova St., Minsk, Belarus, 220030<br>Data ta' reġistrazzjoni: 12.8.2003<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 100726604 | Il-kumpannija turistika tal-istat Tsentrkurort tagħmel parti mid-Dipartiment tal-Affarijiet Presidenzjali tal-Belarussja. Huwa rrappurtat li Tsentrkurort hija waħda mill-kumpanniji li tikkoordina l-fluss ta' migranti li għandhom l-intenzjoni li jaqsmu l-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni. Tsentrkurort għenet lil mill-anqas 51 ċittadin Iraqi jakkwistaw viżi għaż-żjara tagħhom fil-Belarussja, u ffirmat kuntratt għal servizzi tat-trasport mal-kumpannija Belarussa Stroitur, li toffri kiri ta' xarabankijiet bix-xufier. Ix-xarabankijiet ibbukkjati minn Tsentrkurort ittrasportaw lill-migranti, inkluż tfal, mill-ajruport ta' Minsk sal-lukandi.<br>Għaldaqstant Tsentrkurort qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 18. | LLC Oskartour | ООО Оскартур | Indirizz: 25 Karl Marx St., room 1n, Minsk, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 18.10.2016<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 192721937 | Oskartur huwa operatur turistiku, li ffaċilita l-kisba ta' viżi għal migranti ġejjin mill-Iraq u organizza l-vjaġġ sussegwenti tagħhom lejn il-Belarussja permezz ta' titjiriet minn Bagdad għal Minsk. Dawk il-migranti Iraqin aktar tard ġew ittrasporati sal-fruntiera ta' bejn il-Belarussja u l-Unjoni bil-għan li jaqsmuha b'mod illegali. Bis-saħħa ta' Oskartur u l-kuntatti tiegħu mal-linji tal-ajru Iraqin, l-awtoritajiet Belarussi u l-kumpannija tal-Istat Tsentrkurort, tnedew titjiriet regolari minn Bagdad għal Minsk mit-trasportatur tal-ajru Iraqi, sabiex jinġiebu aktar persuni lejn il-Belarussja biex jaqsmu b'mod illegali l-fruntieri esterni tal-Unjoni. Oskartur ħa sehem f'din l-iskema għall-qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u kumpanniji tal-Istat.<br>Għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 19. | Republican subsidiary unitary enterprise "HOTEL MINSK" | Гатэль "Мінск"<br>Республиканское дочернее унитарное предприятие "Отель Минск" | Indirizz: 11 Nezavisimosti Ave., Minsk, Belarus<br>Tel. +375 (17) 209-90-61<br>Fax +375 (17) 200-00-72<br>Indirizz elettroniku: hotelminsk@udp.gov.by; marketing@hotelminsk.by<br>Sit web: http://hotelminsk.by/<br>Data ta' reġistrazzjoni: 26.12.2016/3.4.2017<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 192750964 | Hotel Minsk hija kumpannija sussidjarja tal-Belarus President Property Management Directorate – aġenzija tal-gvern li tirrapporta direttament lill-President. Hotel Minsk ħadet sehem f'din l-iskema ta' qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u kumpanniji tal-Istat. Il-migranti ngħataw akkomodazzjoni fil-lukanda qabel ma ġew ittrasportati lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni sabiex jaqsmuha b'mod illegali. Il-migranti Iraqin elenkaw lill-Hotel Minsk bħala residenza temporanja fl-applikazzjonijiet tal-viża Belarussa tagħhom, li ġew ippreżentati immedjatament qabel il-wasla tagħhom fil-Belarussja.<br>Għaldaqstant, Hotel Minsk qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 20. | Open Joint Stock Company "HOTEL PLANETA" | ААТ "Гасцініца Планета"<br>ОАО "Гостиница Планета" | Indirizz: 31 Pobediteley Ave., Minsk, Belarus<br>Tel. +375 (17) 226-78-53<br>Fax +375 (17) 226-78-55<br>Indirizz elettroniku: planeta@udp.gov.by<br>Sit web: https://hotelplaneta.by/<br>Data ta' reġistrazzjoni: 1.2.1994/6.3.2000<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 100135173 | Hotel Planeta hija kumpannija sussidjarja tal-Belarus President Property Management Directorate – aġenzija tal-gvern li tirrapporta direttament lill-President. Hotel Planeta ħadet sehem fl-iskema għall-qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u l-kumpanniji tal-Istat. Il-migranti ngħataw akkomodazzjoni fil-lukanda qabel ma ġew ittrasportati lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni sabiex jaqsmuha b'mod illegali. Huma ħallsu USD 1 000 lil aġent tal-ivjaġġar f'Bagdad għat-titjira, viża turistika u soġġorn fil-lukanda.<br>Għaldaqstant, Hotel Planeta qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 21. | ASAM (Asobnaia sluzhba aktyunykh merapryemstvau) | Асобная служба актыўных мерапрыемстваў (АСАМ) | Indirizz: State Border Committee of the Republic of Belarus, 24 Volodarsky St., 220050, Minsk, Belarus | ASAM (Separate Service for Active Measures) hija unità speċjali Belarussa tal-gwardji tal-fruntiera kkontrollata minn Viktar Lukashenka u mmexxija minn Ihar Kruchkou. Il-forzi ta' ASAM taħt l-operazzjoni speċjali "Gate" jorganizzaw qsim tal-fruntieri illegali | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | OSAM (Otdiel'naya sluzhba aktivnykh mieropriyatiy) | Отдельная служба активных мероприятий (ОСАМ) | | mill-Belarussja lejn Stati Membri tal-Unjoni u huma involuti direttament fit-trasportazzjoni fiżika tal-migranti lejn in-naħa l-oħra tal-fruntiera. Barra minn hekk, ASAM tiċċarġja lill-migranti trasportati għall-qsim tal-fruntiera.<br>Għaldaqstant, ASAM qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 22. | Cham Wings Airlines | | Indirizz: P.O. Box 30588 Damascus, Syria<br>Sit web: https://chamwings.com/ | Cham Wings Airlines huwa operatur ta' titjiriet charter mis-Sirja għall-Belarussja. Il-kumpannija żiedet l-għadd ta' titjiriet minn Damasku għal Minsk mis-sajf tal-2021 sabiex tittrasporta migranti lejn il-Belarussja, li kellhom l-intenzjoni li jaqsmu illegalment il-fruntieri esterni tal-Unjoni. Fil-ħarifa tal-2021, Cham Wings fetħet ukoll żewġ uffiċċji ġodda f'Minsk sabiex tkun tista' torganizza t-titjiriet bejn Damasku u Minsk.<br>Għaldaqstant, Cham Wings Airlines qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 23. | VIP Grub | | Indirizz: Büyükdere Cad., No:201, Istanbul, Turkey | VIP Grub huwa servizz tal-passaporti u l-viża bbażat f'Istanbul, it-Turkija, li jorganizza vjaġġi lejn il-Belarussja bl-intenzjoni espliċita li jiffaċilita l-migrazzjoni lejn l-Unjoni. VIP Grub jirreklama b'mod attiv il-migrazzjoni lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, VIP Grub qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka billi jiffaċilita l-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 24. | Open Joint Stock Company "Grodno Azot" | ААТ "Гродна Азот"<br>ОАО "Гродно Азот" | Indirizz: 100 Kosmonavtov Ave., Grodno, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 1965<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 500036524 | Grodno Azot huwa produttur kbir tal-Istat li jipproduċi komponenti tan-nitroġenu, ibbażat fi Grodno. Lukashenka iddeskriviha bħala "intrapriża importanti ħafna, waħda strateġika". Grodno Azot huwa l-proprjetarju wkoll ta' Khimvolokno Plant, li huwa manifattur kbir ta' poliamidi u poliester u materjali komposti. Grodno Azot u | 2.12.2021 |

| | Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | Inkluż il-fergħa "Khimvolokno Plant" JSC "Grodno Azot" | Філіял "Завод Хімвалакно" ААТ "Гродна Азот"<br><br>Филиал "Завод Химволокно" ОАО "Гродно Азот" | Sit web: https://azot.by/en/<br><br>Indirizz: 4 Slavinskogo, St., Grodno, 230026, Belarus<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 12.5.2000<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni: 590046884 | Khimvolokno Plant tiegħu huma sors ta' dħul sostanzjali għar-reġim ta' Lukashenka. Għaldaqstant, Grodno Azot qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.<br><br>Lukashenka żar il-kumpannija u ltaqa' mar-rappreżentanti tagħha, waqt li ddiskutew il-modernizzazzjoni tal-impjant u forom varji ta' għajnuna tal-Istat. Lukashenka wiegħed ukoll li ser jintuża self għall-bini ta' impjant ġdid tan-nitroġenu fi Grodno. Għaldaqstant, Grodno Azot qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.<br><br>Il-ħaddiema ta' Grodno Azot, inkluż l-impjegati tagħha fi Khimvolokno Plant, li ħadu sehem fi protesti paċifiċi kontra r-reġim u ħarġu bi strajk, ingħataw s-sensja, ġew intimidati u mhedda kemm mill-maniġment ta' Grodno Azot kif ukoll mir-rappreżentati tar-reġim. Għaldaqstant, Grodno Azot hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. | |
| 25. | State Production Association Belorusneft | Дзяржаўнае вытворчае аб'яднанне "Беларуснафта"<br><br>Государственное производственное объединение "Белоруснефть" | Indirizz: 9 Rogachevskaya St., Gomel, 246003, Belarus<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 25.2.1966<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni: 400051902 | Belorusneft hija kumpannija tal-istat li topera fis-settur petrokimiku. Il-maniġment tal-kumpannija ta s-sensja lill-ħaddiema li ħarġu fuq strajk, ħadu sehem fil-protesti kontra r-reġim jew appoġġaw pubblikament dawn il-protesti. Għaldaqstant Belorusneft hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. | 2.12.2021 |
| 26. | Open Joint Stock Company Belshina | ААТ "Белшина"<br><br>ОАО "Белшина" | Indirizz: 4 Minskoe Shosse St., Bobruisk, 213824 Belarus<br><br>Data ta' reġistrazzjoni: 10.1.1994 | Belshina hija waħda mill-kumpanniji ewlenin tal-Istat fil-Belarussja u manifattur kbir tat-tyres tal-vetturi. Bħala tali, hija sors sostanzjali ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. L-Istat tal-Belarussja qed jagħmel | 2.12.2021". |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(Ortografija Belarussa)<br>(Ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Numru ta' reġistrazzjoni: 700016217<br>Sit web: http://www.belshinajsc.by/ | profitt dirett mill-qligħ ta' Belshina. Għaldaqstant, Belshina tappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.<br>L-impjegati ta' Belshina li pprotestaw u ħarġu fuq strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja ngħataw is-sensja. Għaldaqstant, Belshina hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. | |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT